# KUNSILL LOKALI TAL-IMQABBA

29, TRIQ IL-PARROĊĊA, L-IMQABBA MQB 1512
TEL: 2168 0622
E-MAIL: mqabba.lc@gov.mt
L-Imqabba Local Council


**Minuti tat-30 laqgħa tat-8 leġislatura tal-Kunsill Lokali tal-Imqabba li nżammet it-Tlieta 27 ta' Lulju 2021 fil-5:00 p.m. fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill, 29, Triq il-Parroċċa, l-Imqabba.**

**Preżenti** :

| | |
|---|---|
| Omar Farrugia | Sindku |
| Grace Marie Zerafa | Viċi-Sindku |
| Jonathan Dingli | Kunsillier |
| Owen Sciberras | Kunsillier |

**Uffiċċjal** :

| | |
|---|---|
| Fabian Mizzi | Segretarju Eżekuttiv |

30.01 **Talba**

30.01.01 Il-laqgħa bdiet billi ntqalet it-talba mis-Sindku.

30.02 **Qari tal-ittri ta'apoloġiji**

30.02.01 Is-S.E. nforma li kien irċieva *email* mingħand il-Kunsillier Zaffarese li nfurmah li minħabba raġunijiet ta' xogħol, ma setax jattendi l-laqgħa. Il-Kunsill aċċetta unanimament din l-apoloġija.

30.03 **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-minuti tal-laqgħa nru 29**

30.03.01 Il-Minuti tal-laqgħa nru 29 ġew approvati unanimament. Is-Sindku ippropona u l-Viċi-Sindku issekondat.

30.03.02 Il-Minuti tal-Laqgħa tal-Lokalita' ġew approvati unanimament. Is-Sindku ippropona u l-Viċi-Sindku issekondat.

30.04 **Komunikazzjoni mis-Sindku**

30.04.01 Is-Sindku nforma li 2 mit-3 *Cat Shelters* kienu ġew installati filwaqt li l-ewwel kunsinna ta' ikel kienet tqassmet ukoll.

30.04.02 Is-Sindku nforma li kienu saru xogħlijiet ta' tindif minn *Parks Malta* fi Triq Ħal Kirkop viċin l-*iBins* u fi Triq Żurrieq. Il-*Cleansing & Maintenance Division* għamlu xogħol ta' tindif fi Triq il-Familja Brancati.

30.04.03 Is-Sindku nforma li x-xogħlijiet fi Triq il-Familja Brancati kienu tlestew filwaqt li rigward Triq George Martin kien hemm xi *issues* min naħa tal-Heritage. Rigward Triq Valletta, huwa qal li kien sar żbir tas-siġar kif ukoll bdiet titqiegħed il-kurduna għall-bankina.

30.04.04 Is-Sindku nforma li x-xogħol ta' restawr fuq il-Kappella ta' Santa Katerina kien miexi kif ippjanat u fil-ġranet li ġejjin għandha teħel il-qanpiena u jiżżarma l-*iscaffolding*.

30.04.05 Rigward ir-*roundabout* tal-Mentna, s-Sindku nforma li kien qed isir xogħol ta' tħawwil ta'siġar u ser jitħawwel ukoll *turf* naturali

30.04.06 Fir-rigward tal-proġett tal-*Open Space* bejn l-Imqabba u l-Qrendi, s-Sindku nforma li l-Perit tal-Ministeru kien qed iħejji l-pjanti u malli jkunu lesti kienu ser jgħaddu għand il-Kunsill sabiex issir konsultazzjoni.

30.04.07 Is-Sindku nforma li fl-1 ta' Lulju, flimkien mal-Kunsillier Sciberras u s-S.E. kienet inżammet laqgħa mal-Prinċipal u l-Kap tal-Iskola Primarja dwar l-użu tal-bitħa bħala parkeġġ. Huwa qal li iktar dettalji dwar il-proġett ser jingħataw aktar il-quddiem ladarba tinkiseb l-approvazzjoni tas-Segretarju Permanenti. Il-Viċi-Sindku irrimarkat li l-proposta li ntbgħatet lis-Segretarju Permanenti kienet differenti minn dik miftehma mal-Onor. Ministru O. Bonnici meta kien responsabbli mill-Edukazzjoni għaliex ir-responsabiltà tal-bitħa qatt ma kellha tkun tal-Kunsill u l-ħin kellu jkun sa kmieni filgħodu dan għaliex ħadd mir-residenti ma kien se jmur iċaqlaq il-karozza f'nofs ta' lejl. Il-Kunsillier Sciberras spjega li l-ħin tal-11.00pm kien biss indikazzjoni u li dettalji preċiżi għad iridu jiġu deċiżi. Wara diskussjoni bejn dawk preżenti fejn fost l-oħrajn ġiet diskussa l-*issue* tar-responsabbiltà, ġie deċiż li għandna ninfurmaw lis-Segretarju Permanenti li l-ħin tal-11.00 pm huwa biss indikazzjoni u għalhekk ma humiex finali.

30.04.08 Is-Sindku nforma li wara li kien infurmat li parti minn Triq tal-Isqof kienet ser issir bil-konkos minn IM iżda iktar tard kien ġie deċiż li x-xogħol ikopri t-triq kollha.

30.04.09 Is-Sindku nforma li hemm ċans tajjeb li Sqaq Buħar u l-isqaq ta' ħdejn iċ-Ċimiterju isiru bil-konkos minn IM filwaqt li parti minn Triq Zurrieq u Triq tas-Sejba jsiru bl-asfalt.

30.04.10 Is-Sindku nforma li hemm opportunita' li l-Kunsill jikseb fondi sabiex jiġi żviluppat *open space* fuq parti mill-ġibjun fi Triq il-Konvoj ta' Santa Marija. Huwa qal li l-Kunsill irid biss jipprovdi *survey* u BOQ. Il-Viċi-Sindku issuġġeriet li jsir Ġnien Onġi Onġella peress li kienu diġà saru d-disinji u allura jista' jitħaffef ix-xogħol u niggarantixxu li ma nitilfux dawn il-fondi. Il-Kunsillier Dingli semma li hu flimkien mal-Kunsillier Sciberras kienu ipproponew ġnien fuq il-ġibjun li jkun jinkludi skultura iddedikata lill-vittmi tal-logħob tan-nar taż-żewġ soċjetajiet u ssir tifkira kull sena f'Jum l-Imqabba. Is-Sindku għandu jikseb aktar dettalji speċjalment dwar kemm hemm fondi allokati għal dan il-proġett.

30.05 **Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

30.05.01 Il-Viċi-Sindku staqsiet jekk kienitx saret il-laqgħa mal-Kumitat tal-Mqabba FC u s-Sindku nforma li flimkien mal-Kunsillier Sciberras kienu ltaqgħu mas-Sur A. Sciberras li min naħa tiegħu reġa' ikkonferma li l-klabb għandu kollox kif suppost u ikkwota *file* 176/98 tal-Awtorità tal-Artijiet. Is-S.E. ntalab sabiex jgħaddi din l-informazzjoni lill-Awtorità tal-Artijiet sabiex nikkonfermaw il-validità.

30.05.02 Il-Viċi-Sindku ikkummentat dwar id-*Double Yellow Lines* li reġgħu saru dan l-aħħar fi Triq il-Fjuri. Peress li minn meta dawn kienu ġew approvati kien tela' l-bini, ġie deċiż li niktbu lil-TM sabiex inġibu l-approvazzjoni tagħhom dwar x'għandu jsir sabiex min għandu l-garaxxijiet ikun jista' jidħol u joħroġ mingħajr ma jkun ostakolat.

F'dan l-istadju ġiet diskussa wkoll l-*issue* tal-*One Way* f'parti minn din l-istess triq u finalment ġie deċiż li din issir *One Way* kif approvat minn TM iżda bejn it-0800/0900 u 1400/1500 fil-ġranet tal-iskola, l-vetturi jkunu jistgħu jgħaddu peress li ħdejn l-iskola jkun magħluq.

30.05.03 Il-Viċi-Sindku ikkumentat li ġiet infurmata li s-servizz tal-*Bulky Refuse* kien qed jingħata bit-trakk kif suppost. Peress li dan l-aħħar l-ammont ta' *Bulky Refuse* kien żdied sew, ġie deċiż li għandna naraw jekk hux possibbli nżidu ġurnata oħra fil-ġimgħa.

30.05.04 Il-Kunsillier Dingli talab statistika dwar il-multi li nħarġu ħdejn l-*iBins* fi Triq Ħal-Kirkop. I-S.E. għandu jipprovdi din l-informazzjoni.

30.05.05 Il-Kunsillier Dingli ikkummenta dwar ħajt fi stat perikoluż fi Triq Żurrieq. Ġie deċiż li nerġgħu niktbu lill-Pulizija.

30.05.06 Il-Kunsillier Dingli irrimarka li jidher ċar li b'kennies wieħed mhux qed jintlaħaq ir-raħal kollu kif suppost. Ġie deċiż li ssir laqgħa mal-IPSL forsi jirnexxielna nġibu kennies taħt l-iskema.

30.05.07 Il-Kunsillier Dingli informa li xi residenti kienu issuġġerew li għandhom isiru 2 *Sleeping Policeman* fi Triq il-Barrieri kantuniera ma' Triq Ħarriġiet. Ġie deċiż li dan is-suġġeriment jiġi riferut lil-TM.

30.05.08 Il-Kunsillier Dingli ikkummenta dwar l-istat ħażin li jinsab fih il-ħajt li jdawwar il-Ġnien tal-Ġilju. Ġie deċiż li ssir talba sabiex dan isir mill-MTIP.

30.05.09 Il-Kunsillier Sciberras informa li l-*Malta Libraries* kienu qed jitolbu li l-ħinijiet tal-ftuħ tal-Librerija nhar ta' Ħamis isiru bejn it-0800 u 1200 minflok bejn id-0900 u s-1300. Dwar dan kien hemm qbil kif ukoll li jitranġaw it-tabelli tal-ħinijiet viċin il-Librerija.

30.05.10 Il-Kunsillier Sciberras talab informazzjoni dwar il-bankina fi Triq Valletta u -S-Sindku nforma li din ser issir fil-ġimghat li ġejjin.

30.05.11 Il-Kunsillier Sciberras issuġġerixxa li ssir *Stop Sign* fi Triq tal-Isqof kantuniera ma Triq Valletta l-Qadima. Is-S.E. nforma li TM kienu approvat li fil-post indikat issir *Sleeping Policeman* kif kien issuġġerixxa l-Kunsillier Dingli. Jekk IM jibqgħu ma jagħmlux is-*Sleeping Policeman*, għandha ssir talba lil TM għall-i*Stop Sign*.

**29, TRIQ IL-PARROĊĊA, L-IMQABBA MQB 1512**

**TEL: 2168 0622**

**E-MAIL: mqabba.lc@gov.mt**

**L-Imqabba Local Council**


30.05.12 Il-Kunsillier Sciberras issuġġerixxa li jsir *refreshing* tal-marki tat-toroq eżistenti kif ukoll li jsiru *Parking Bays* ġodda fejn hemm bżonn. Dwar dan kien hemm qbil.

30.05.13 Il-Kunsillier Sciberras irrimarka li hemm il-possibbiltà' li ħaddiem li għandu l-liċenzji tad-dawl A+B u li qiegħed fuq il-kotba tal-ERL, jiġi *attached* mal-Kunsill. Dwar dan kien hemm qbil u ġie deċiż li ssir laqgħa ma' dan il-ħaddiem sabiex jiġi spjegat lilu li meta ma jkunx hemm xogħol relatat mal-elettriku, dan ser jiġi mitlub sabiex jgħin fil-*Maintenance* bħall-ħaddiema l-oħra.

30.06 **Korrispondenza, ilmenti u ordnijiet ta' xogħlijiet**

30.06.01 Is-S.E. fakkar li l-għada kienet ser issir iċ-ċerimonja tal-inawgurazzjoni tal-apparat sportiv fi Ġnien Tfal ir-Raħal.

30.06.02 Ċirkulari 4-2021 mid-DLG dwar Servizz tal-Internet għall-*istreaming* tal-Laqgħat. Il-Kunsill ħa nota tal-kontenut ta' din il-korrispondenza.

30.06.03 Is-S.E. nforma li d-DLG kien approva l-*Appraisal Reports* tad-Deputat S.E. u tiegħu wara li inizjalment dawn kienu ġew approvati mill-Kunsill. F'dan l-istadju ser isir il-ħlas dovut mal-paga ta' Lulju.

30.06.04 Korrispondenza mingħand id-DLG dwar l-Implimentazzjoni tal-Inizjattiva tal-WIFI4EU. Ġie deċiż li l-Kunsill jimxi mas-siti indikati aktar qabel.

30.06.05 Korrispondenza mingħand l-MHSA dwar *Health Checks* ġewwa l-lokalita'. Ġie unanimament deċiż li nikkonfermaw eżatt x'hemm bżonn li jsir u jekk hemm xi minimu ta' persuni li jridu jattendu.

30.06.06 Korrispondenza mingħand id-DLG dwar żjara f'Kunsilli fl-Ewropa relatati mal-kultura. Ġie deċiż li għandna niksbu aktar informazzjoni dwar din l-inizjattiva.

30.06.07 Korrispondenza mingħand Arthur Perici dwar għajnuna sabiex il-Kunsill jikseb fondi mill-Ewropa għal proġetti fil-lokalita' kif ukoll sabiex dawn jiġu implimentati. Is-Sindku nforma li fil-ġejjieni qarib, kull Reġjun ser ikun qed joffri din it-tip ta' għajnuna mingħajr ħlas minbarra l-fatt li l-MEUSAC tista' tgħin fejn jidħlu proġetti mill-Ewropa.

30.06.08 Korrispondenza mingħand il-Perit tal-Kunsill dwar *Traffic Management* fi Triq Xandru Farrugia. Ġie unanimament approvat li dan it-*Traffic Management* jintbagħat għall-approvazzjoni ta' TM.

30.06.09 Korrispondenza mingħand il-Perit tal-Kunsill dwar skema ta' *Parking Bays* fi Triq Ħal-Kirkop. Ġie unanimament deċiż li nitolbu lill-Perit sabiex tagħmel xi modifiki żgħar u imbagħad dan jintbagħat għall-approvazzjoni ta' TM

30.06.10 Suġġeriment minn resident sabiex Wesgħat l-Ispiżerija l-Antika jinbidlilha isimha issa li ġie kkonfermat li s-sit ma kienx spiżerija iżda Barumbara. Ġie deċiż li għalissa dan is-suġġeriment ma jiġix attwat.

30.06.11 Korrispondenza mingħand resident li lmenta minn *Health Issue* fl-akkwati tal-*Bring-in Site* fi Triq Ħal-Kirkop. Il-Kunsill ħa nota tal-kontenut ta' din il-korrispondenza.

30.06.12 Korrispondenza sabiex isir tindif fi Triq iż-Żurrieq. Ġie innotat li it-tindif suġġerit kien sar.

30.06.13 Suġġeriment minn resident sabiex is-*service roads* fi Triq il-Konvoj ta' Santa Marija isiru *One Way*. Il-Kunsill filwaqt ħa nota tal-kontenut ta' din il-korrispondenza iddeċieda li għalissa ma jattwax is-suġġeriment.

30.06.14 Suġġeriment minn resident sabiex trejqiet rurali jingħataw l-isem tal-akkwati li huma magħrufa bħala Misraħ is-Sinjura. Ġie deċiż li dan is-suġġeriment jintbagħat lill-Kumitat għat-Tismija tat-Toroq.

30.06.15 Ġie unanimament approvat li l-kuntrattur tat-toroq tal-Kunsill għandu jagħmel xogħlijiet fi Triq Valletta, Triq il-Murselli, Triq il-Katakombi u Triq il-Mitħna kif ukoll *patching* skont il-bżonn.

30.07 **Jum l-Imqabba 2021**

30.07.01 Is-Sindku semma li għandna nibdew naħsbu dwar meta ser jinżamm Jum l-Imqabba 2021 kif ukoll dwar l-attivitajiet li għandhom isiru. Ġie deċiż li għandna nkellmu lill-Kappillan sabiex naraw meta ser issir il-Griżma din is-sena sabiex Jum l-Imqabba jinżamm il-Ħadd 17 jew 24 t'Ottubru. Ġie deċiż li bħas-soltu għandha ssir il-quddiesa il-Ħadd fil-għodu u wara jsiru attivitajiet sportivi fil-Pjazza li għall-okkażjoni tkun magħluqa. Kien hemm qbil ukoll li jekk iċ-ċirkostanzi jkunu jippermettu, għandu jsir il-kunċert is-Sibt ta' qabel u din is-sena jmiss lis-Soċjetà Mużikali Madonna tal-Ġilju sabiex itellgħu dan il-kunċert. Ġie deċiż li għandna naħsbu sabiex għall-okkażjoni tinkera tinda minħabba l-possibilità ta' maltemp. Kien hemm qbil ukoll li nippruvaw nagħmlu esebizzjoni tal-karozzi jew tal-klieb tal-Pulizija.

30.08 **Sotto-Kumitat Tiżjin**

30.08.01 Wara li konna tlabna lill-5 każini u lill-Parroċċa sabiex jinnominaw rappreżentant tagħhom fuq dan is-Sotto-Kumitat, ġew approvati dawn in-nomini :

Josef Camilleri f'isem il-PL
Mark Bondin f'isem il-PN
Tonio Facciol f'isem is-Soċjetà Mużikali Madonna tal-Ġilju
Kenneth Cauchi f'isem il-Parroċċa

Għad fadal is-Soċjetà Santa Marija u Banda Re Ġorġ V u l-Klabb tal-Football sabiex jinnominaw ir-rappreżentat tagħhom u s-S.E. ntalab sabiex ikellimhom sabiex jagħmlu dan kemm jista' jkun malajr.

Ġie unanimament deċiż ukoll li l-Kunsill ikun rappreżentat mill-Kunsillier Zaffarese però dan ma jkollux id-dritt tal-vot.

30.09 **Rapport Finanzjarju – It-Tieni Kwart Jannar / Ġunju 2021**

30.09.01 Peress li kopja ta' dan ir-Rapport kienet tqassmet lill-Kunsillieri qabel il-laqgħa, dan ġie meqjus bħala moqri u ġie approvat unanimament.

30.10 **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda tal-pagamenti nru 08/30**

30.10.01 L-iskeda tal-pagamenti nru 08/30 ġiet approvata unanimament.

30.10.02 Il-lista tal-infieq mill-*Petty Cash* li sar matul Ġunju 2021 ġiet approvata unanimament.

30.11 **Tmiem tal-laqgħa u qbil fuq data u ħin tal-laqgħa li jmiss**

30.11.01 Il-laqgħa ntemmet fit-7:45 pm u ġie deċiż li l-laqgħa li jmiss issir it-Tlieta 24 ta' Awwissu fil-5:00 pm

Konfermati illum it-Tlieta 24 ta' Awwissu 2021.

Omar Farrugia
Sindku

Fabian Mizzi
Segretarju Eżekuttiv